# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU.2871

**Kaz Nru. 3955/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Henry Hank Aquilina (ID 295467 M)**

**u**

**Simonds Farsons Cisk plc (C-113)**
**(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

**Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Henry Hank Aquilina li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fil-25 ta' Marzu, 2021. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Abigail Critien u s-socjeta appellata kienet raprezentata minn Ms Atoinette Caruana li kienet assistita mill-Avv. Christine Calleja.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat mas-socjeta' ntimata originarjament bhala Fork Lift Driver u sussegwentement bhala Warehouse Operator u d-dhul tieghu minn dan l-impjieg kien ta' madwar €20,000 fis-sena.**

**Huwa jkompli jghid li fl'4 ta' Frar, 2021 gie nfurmat b'rapport ta' dixxiplina li jgib id-data tal-1 ta' Frar, 2021. Huwa jghid ukoll, li f'dan ir-rapport is-socjeta ntimata allegat li l-agir tieghu qajjem diversi dubji fuq l-affibidilita' u l-kredibilita' tieghu fir-rwol li jokkupa fi hdan il-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll li s-socjeta ntimata qalet, li meta kien qed jigi nvestigat dwar rapport ta' dixxiplina huwa ma ta' l-ebda spjegazzjoni kredibbli u ghaldaqstant gie sospiz mix-xoghol.**

**Huwa jkompli jghid, wara din il-laqgha attenda Board ta' Dixxiplina li sar fid-9 ta' Frar, 2021 u sussegwentament ircieva ittra datata 22 ta' Frar, 2021 fejn gie nfurmat mill-kumpanija li l-impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett mid-data ta' l-ittra.**

**F'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li matul il-laqgha ta' dixxiplina il-management sahaq illi huwa ma ta' l-ebda spjegazzjoni sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet li kienu migjuba fil-konfront tieghu.**

**Minn naha tar-rikorrenti jkompli jghid li dan mhux minnu, ghax huwa rribatta l-allegazzjonijiet li kienu saru mill-management fil-konfront tieghu u sahaq li m'ghamel xejn hazin.**

**Huwa jghid ukoll, li matul il-process ta' dixxiplina l-management ma gabx provi konkreti fuq l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tieghu, imma minkejja li ma gabu l-ebda provi xorta wahda t-terminawlhu l-impjieg tieghu u dan minkejja s-servizz twil li kien ilu mpjegat mas-socjeta ntimata.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li t-terminazzjoni ta' l-imjieg tieghu kienet ingusta u saret bi ksur tal-Ligi u ghaldaqstant, talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jigi ddikjarat li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet ingusta u ghandhu jerga jigi moghti l-impjieg lura kif ukoll jigi moghti kumpens finanzjarju.**

**Is-socejta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrenti kien ilu mpjegat maghha mis-sena 2001 u matul il-perjodu ta' l-impjieg kien hemm**

**diversi okkazzjonijiet fejn ingibditlhu l-attenzjoni ghall-imgieba tieghu u kellu kazijiet ohra ta' dixxiplina fejn gie moghti twissijiet bil-miktub.**

**Is-sojeta tghid ukoll, li l-kaz li wassal ghat-tkeccija tar-rikorrenti kien wiehed li jirrigwardja serq ta' numru ta' fliexken ta' miniature Absolut Vodka 5cl mill-fabbrika u f'dak iz-zmien ir-rikorrenti kien qed jokkupa l-kariga ta' Warehouse Operator, ma dan huwa kkommetta numru ta' vjolazzjonijiet ta' regoli nterni tal-kumpanija.**

**Is-socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li meta r-rikorrenti gie rinfaccjat bil-provi ta' l-incident li kien involut fih, huwa ma offra ebda raguni valida ghall-movimenti suspettuzi tieghu u liema movimenti gew migbuda mis-CCTV li s-socjeta ghanda nstallata fil-warehouse. Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti fl-ebda waqt ma cahad illi kien hu li ha dawn il-fliexken ta' size miniature ta' l-Absolut Vodka 5cl.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li wara l-incident ghaddiet process ta' dixxiplina lir-rikorrenti u huwa gie moghti kull opportunita biex jispjega jew jichad l-akkuza ta' serq li saru fil-konfront tieghu izda, minkejja li gie moghti din l'opportunita biex jiddefendi ruhu huwa baqa ma ta' l-ebda spjegazzjoni u lanqas cahad li kien hu li seraq ix-xorb imsemmi.**

**Fl-istqarrija taghha is-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrenti lanqas ta' spjegazzjoni ta' x'gara mill-kaxxa li kienet nieqsa meta rritorna lura f'posta l-paletta tal-miniature Absolut Vodka 5cl.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li ma kellha ebda triq ohra ghajr dik li tittermina l-impjieg tar-rikorrent u huwa gie mgharraf b'dan permezz ta' ittra datata 22 ta' Frar, 2021.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li kien hemm raguni sufficjenti ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti u ghaldaqstant m'ghandux jigi kkunsidrat li jinghata reinstatement jew xi forma ohra ta' kumpens.**

**Fl'24 ta' Frar, 2022 it-Tribunal Industrijali rcieva minghand ir-rikorrenti permezz ta' l-assistenza legali tieghu l-Avv. Abigail Criten dikjarazzjoni tal-pretensjonijiet tieghu rigward il-kumpenss. Min naha tas-socjeta ntimata irrispondiet ghal dawn il-pretensjonijet tar-rikorrenti permezz ta' l-Avv. Christine Calleja li pprezentat risposta datata 28 ta' Frar, 2022.**

**It-Tribunal Industrijali nforma lill partijiet li jiehu nkonsiderazzjoni dan l-aspett finanzjarju fl'eventwalita li t-Tribunal Industrijali jikkonkludi u jiddiciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret b'mod ingust u bi ksur tal-Ligi.**

**Mill-provi jirrizulta u skond ix-xhieda ta' Ms Antoinette Caruana li tokkupa il-grad ta' Group HR Manager & Company Secretary fejn tghid, li r-rikorrenti beda l-impjieg mas-socjeta ntimata fit-12 ta' Settembru, 2001.**

**Hija tghid ukoll, li meta ir-rikorrenti beda l-impjieg kien fuq kuntratt defenit ta' sena ghax din hija l-prassi ma Farsons u wara sena l-impjegat jaqleb fuq kuntratt indefenit. Hija tkompli tghid, li minhabba ragunijet ta' dixxiplina l-kuntratt tieghu ma kienx se jigi mgedded, imma wara diskussjonijiet li saru mal-Union il-kuntratt tieghu gie konvertit ghal wiehed indefenit.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li matul il-perjodu ta' l-impjieg tar-rikorrenti huwa gie moghti twissijiet kemm verbalment kif ukoll bil-miktub u l-aktar ricenti f'dawn l-ahhar snin kien hemm diversi warnings fuq hin wieqaf, hsarat anke fil-makkinarju, fir-racking li hu ma rrapurtax li kienu kawzi ta' negligenza, sickness, sleeping on the place of work u disobeying orders. Hija tghid ukoll, li f'dawn l-ahhar sentejn it-twissijiet kienu verabli.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fl'4 ta' Frar, 2021 r-rikorrenti rcieva "charge" minghand il-management fejn huwa gie akkuzat b'diversi nuqqasijiet li**

**ghamel fil-gurnata tas-Sibt 30 ta' April, 2021 u gie nfurmat ukoll li kellu jattendi laqgha ta' dixxiplina li kienet se ssir nhar it-Tlieta 9 ta' Frar, 2021.**

**Mill-provi jirrizulta, li wara r-rikorrenti ghadda process ta' dixxiplina gie nfurmat permezz ta' korrispondenza datata 22 ta' Frar, 2021 li l'impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effet mid-data ta' l-ittra u r-raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet ghax instab hati ta' dawn l-akkuzi :-**

1) **Meta kont qed twettaq "replenishment" awtorizzat ta' Cisk 25 cl, gbart paletta Absolut Vodka 5cl minflok u wara ghamilt moviment bil-VNA li ma kellekx taghmel;**
2) **Meta poggejt lura l-paletta ta' Absolut Vodka, jidher bic-car li minflok 12 il-kaxxa, l-paletta poggejta lura bi 11 il-kaxxa. Stock-takers' li saru ta' l-end of year jumejn fuq xulxin jindikaw ukoll li l-paletta kellha tnax il-kaxxa ta' l-Absolut Vodka 5cl, hadd ma kien caqlaq l-imsemmija paletta wara dawn l-stock takers.**
3) **Saru movimenti ohra fl' Aisle li l-Warehouse Management System (WMS) ma innizjatektx biex taghmel, partikularment f'Aisle "A".**
4) **Gejt osservat tinzel minn fuq il-VNA b'kartuna "interlayer sheet" mitwija, tqeghda fl-art u tirfes fuqha biex ticcattja l-imsemmija kartuna. Wara bqajt sejjer hdejn l-FBIC warehouse, taht it-tinda u armejt il-kartuna msemmija u li kienet mitwija go l-iskip. Meta saret tfittxija fl-imsemmija skip, gol-interlayer sheet nstabet mitwija wkoll il-kartuna ta' l-Absolut Vodka 5cl u pakkett vojt bi 12 il-flixkun.**

**5) It-tnejn l-1 ta' Frar, 2021 fl-istess post fejn kont int, mhux awtorizzat, intsabu kaxxa tazzi ta' Carlsberg POS li ma kienitx maghluqa u li fiha nstabu wkoll 7 pakketti bi 12 il-flixkun ta' Absolut Vodka 5cl mohbija. Ghaldaqstant, fil-waqt li pakkett vojt ta' tnax il-flixkun kien mormi go l-imsemmija skip, zewg pakketti ohra bi tnax il-flixkun jibqghu neqsin.**

**Waqt il-laqgha ta' dixxiplina int komplejt ma taghtix spjegazzjoni ta' dawn il-movimenti u wisq inqas inqast li taghti spjegazzjoni ta' x'gara mill-kaxxa li kienet nieqsa meta rritornajt lura l-paletta Absolut Vodka li kif gie spjegat lilek kellha kaxxa nieqsa. Li kieku hemm raguni valida, int kont obbligat li tirraporta dak li gara lil management.**

**Kif gie spjegat ukoll lilek waqt il-laqgha, dan l-agir tieghek iqajjem diversi dubji fuq l-affibidilita' tieghek u fuq l-kredibilta' tieghek fir-rwol li tokkupa ta' Warehouse Operator. L-evidenza tal-fatti kif imnizzla f'din il-memo huma cari u jiksru diversi regolamenti marbuta ma' l-Standard ta' Xoghol u l-lejalta lejn il-kumpanija, u regolamenti ohra dwar frodi u mizappropijazzjoni.**

**Ghaldaqstant, il-kumpanija fil-waqt li qed tqis il-perjodu mill-1 ta' Frar, 2021 sal-19 ta' Frar, 2021 bhala granet sospizi, minnufih qed titterminalek l-impjieg fuq bazi ta' tkeccija minn mal-kumpanija Simonds Farsons Cisk plc b'effett mill-llum 22 ta' Frar, 2021.**

**Is-Sur Chris Borg Cardona li jokkupa l-kariga ta' Head Logistics fix-xhieda tieghu jghid li fl' 1 ta' Frar, 2021 huwa kien qed jghamel l-ispezzjoni fil-warehouse tal-Logistics Centre u kif kien qed jispezzjona Isle A innota li kien hemm kaxxa tat-tazzi li kienet miftuha.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid wkoll, li meta mar u ccekkja l-kaxxa, minflok sab it-tazzi, sab seba pakketti ta' Absolut Vodka 5cl li kull pakkett ikollu tnax il-flixkun u peress din kienet stramba ghalih cempell lill Warehouse Manager biex jiccekkja fejn suppost dan il-prodott kien storjat.**

**Fix-xhieda tieghu jghid ukoll li l-Warehouse Manager qallu, li skond l-stock taking li kien ghadu kemm isir kien hemm paletta wahda biss li kellha tnax il-kaxxa ta' Absolut Vodka 5cl.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jkompli jghid, li l-Warehouse Manager mar jiccekkja u nfurmah li fuq il-palletta kien hemm kaxxa nieqsa u kellha hdax u mhux tnax il-kaxxa.**

**Mill-provi jirrizulta li fil-Warehouse hemm ic-CCTV cameras, li ghalkemm tosserva l-kuruduri u l-Warehouse ingenerali pero, din ma**

**tosservax l-kuridur ta' l-Isles. Mill-provi jirrizulta wkoll, li peress il-paletta ta' l-Absolut Vodka kienet fit-tarf ta' barra ta' Isle din setghet tidher fuq ic-CCTV camera.**

**Is-Sur Borg Cardona jghid ukoll, li huwa u l-Warehouse Manager bdew jghamlu nvestigazzjoni permezz li jiccekkjaw il-filmati tas-CCTV cameras u meta ccekkjaw il-filmati tad-29 ta' Jannar, 2021 kien jidher li fuq il-paletta kien hemm tnax il-kaxxa ta' Absolut Vodka 5cl.**

**Fix-xhieda tieghu jghid wkoll, li gew iccekkjati l-filmati tat-30 ta' Jannar, 2021 meta r-rikorrenti f'dik il-gurnata kien xoghol u kien assenjat li jghamel xi movimenti tax-xoghol tieghu.**

**Skond ix-xhieda tas-Sur Borg Cardona huwa jghid "Kellu (jirreferi ghar-rikorrenti) movimenti x'jghamel, il-movimenti ahna jkunu, il-computor itiehom l-informazzjoni tat-tasks li jridu jghamlu, nghidulha Warehouse Management System fejn is-sistema jew ittihom task biex johorgu paletta jew biex jistorjaw paletta, ittihom it-tasks u huma jimxu task task x'iridu jghamlu. Tghatu (jirreferi ghar-rikorrenti) task f'dik l-Isle fejn kienet dik il-paletta biex johrog paletta CISK 25cl minn hemm gew, kif dahal ghalija, flok qabad dik il-paletta (jirreferi tac-CISK 25 cl) qabad il-paletta fejn kien hemm l-Absolut Vodka"**

**F'din l-istess xhieda s-Sur Borg Cardona jkompli jghid "Mis-CCTV. Kif qabad (jirreferi ghar-rikorrenti) dik il-paletta li kellha 12 il-kaxxa fuqa (jirreferi ghal paletta tal-Absolut Vodka 5cl) hu ghamel moviment bil-forklift dahal gol-Isle 'il gewwa fejn ahna ma ghandniex coverage tas-CCTV u wara ftit minuti rega hareg lura, irriversja, l-Isle kull ma hu zewg metri, jigifieri l-lifter jghaddi ezatt bejn ir-raking u rega' poggieha (jirreferi ghal paletta ta' l-Absolut Vodka) f'postha fejn kienet.**

**Huwa jghid ukoll li qabad (jirreferi ghar-rikorrenti) il-paletta tac-CISK li kellu jaqbad skond is-sistema u harigha barra. Hemmhekk f'dak il-moviment sakemm dahal (jirreferi ghar-rikorrenti) l-Isle bil-paletta tal-Absolut u rega hareg naqset kaxxa, jigifieri l-paletta kellha 11 il-kaxxa.**

**Minn hemmhekk, jigifieri wara li ffinnixxja dak il-job (jirreferi ghar-rikorrenti), jigifieri hareg it-25cl il-birra, dak fl-istess Isle u ma jmur imkien akter, hareg minn dak l-Isle, Isle M minghalija kienet miniex cert liema Isle u rega bil-fork lift truck, dak li nghidulu VNA saq lejn Isle A, fejn jien sibt dawn il-fliexken tal-Vodka go din il-kaxxa tal-Carlsberg u li din isle A ma kellux task (jirreferi ghar-rikorrenti), is-sistema ma qaltlux biex imur f'Isle A"**

**Ix-xhud ikompli jghid "Mar (jirreferi ghar-rikorrenti) f'Isle A fejn huwa ma kellux task hemmhekk mis-sistema, dahal f'Isle A, go Isle A ma**

**hemmx coverage ta' CCTV, ghamel ftit minuti u rega hareg minn Isle A, minn hemm 'il quddiem kompla jghamel it-tasks li tghatu s-sistema tad-WMS (Warehouse Management System), kellu bejn hamsa u sitt tasks x'jghamel u mbghad waqaf, waqaf go wahda mill-Isles, nizel mill-lifter u kellu kartuna kannella, beda jitwiha, jghaffiga, infatti beda jirfes fuqha wkoll u qabada din il-kartuna u beda miexi lejn dak li nghidulu l-FBIC Warehouse, huwa Warehouse il-boghod minn dik il-lokazzjoni fejn inzommu l-ispirti u qisu hemm xi mitt (100) metru, nahseb iktar minn 100 metru, u hu sejjer waqaf gol-iskip li kien hemm fejn dan il-Warehouse (jirreferi ghal FBIC Warehouse), safrattant kien hemm skips ohrajn fejn tista' tarmi u rema' din il-kartuna. Jiena kif rajt hekk fuq is-CCTV meta kont qed niccekkja flimkien mal-Warehouse Manager, inzilt biex nara ghadhiex hemm dik il-kartuna gol-iskip u kif inzilt qbadt il-kartuna, gharafta li hija din (jirreferi ghar-ritratti) u kif ftahta din il-kartuna fiha sibt il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl vojta u pakkett wiehed ta' Absolut Vodka miniature li suppost kellu 12 il-fliexkun".**

**Is-Sur Borg Cardona jkompli jghid "Kien fadal pakkett imma vojt, jigifieri mill-pakketti kollha jiena kont sibt seba (7) meta ndunajt l-ewwel darba kienu ghadhom mimlijien f'Isle A gol-kaxxa tal-Carlsberg, sibt wahda (1) pakkett go din il-kaxxa, gol-kaxxa l-kbira tal-Absolut Vodka 5cl li kienet mitwija, mohbija go kartuna kanella kif qed taraha hemmhekk (jirreferi ghar-ritratti), u xorta unaccounted for zewg (2)**

**pakketti ohrajn li dawk ma sibniehom imkien. Jien, ovvjament, kif rajt dan kollu ghamilt rapport lill-Human Resources Manager".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur George Stephen Darmanin li jokkupa l-grad ta' Health and Safety Manager. Fix-xhieda tieghu jghid, li kieku r-rikorrenti qabad il-paletta tal-Absolut Vodka bi zball minflok li qabad tac-Cisk Lager kien johodha fil-post skond l-istruzzjonijiet li kienu gew moghtija lilhu u mhux jidhol bil-kaxxa l-gewwa fl'Isle.**

**Fix-xhieda tieghu is-Sur George Stephen Darmanin jghid ukoll, ir-raguni li r-rikorrenti rema l-kaxxa li ghaffeg f'din l-iskip (jirreferi FBIC Warehouse) hija, li fil-waqt fl'istores l-ohra l-bejgh isir bil-kaxxex allura ma jkunx hemm kaxxex x'jintremew ghax minn jixtri jiehu l-kaxxa b'kollox imma, fl'iskip ta' hdejn l-istore (jirreferi FBIC Warehouse) li giet mormija l-kaxxa jinbieghu prodotti b'ammonti zghar u ghaldaqstant ikun hemm il-kaxxex u ghalhekk (jirreferi ghar-rikorrenti) giet mormija hemm il-kaxxa biex ma tghatix fil-ghajn.**

**Xhud iehor li gie mressaq mis-socjeta ntimata kien is-Sur Tonio Mifsud Bonnici li jokkupa l-grad ta' HR Services Manager. Fix-xhieda tieghu jghid, li r-rikorrenti ghamel 8 minuti f'Isle li ma kellux struzzjonijiet biex jidhol fiha u wara f'din Isle instabu parti mill-Vodka.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed ir-rikorrenti u jghid, li hu kien qabad il-paletta bi zball u jghid ukoll li zbalji bhal dawn gieli saru u f'dan il-kaz minflok qabad il-palletta 5 (jirreferi ghal paletta CISK 25cl) huwa qabad il-palletta 6 (jirreferi ghal paletta Absolut Vodka 5cl) ghax dawn jinsabu faccata ta' xulxien.**

**Huwa jghid ukoll, ir-raguni li dahal il-gewwa fl'isle kienet sakemm qata l-buzzer tal-VNA ghax il-hoss tieghu huwa qawwi. Huwa jkompli jghid, li meta rega lura bil-VNA ghamel f'postha l-kaxxa ta' l-Absolut Vodka li qabad bi zball u dawwar il-frieket tal-VNA biex jaqbad dik il-kaxxa li kellu struzzjonijiet li jiehu.**

**Ir-rikorrenti fix-xhieda tieghu jghid wkoll, li l-filmat fejn dahal fl'Isle bil-paletta ta' l-Absolut Vodka fejn qed jghidu (jirreferi ghal management) li kien fiha tnax il-kaxxa u meta hareg mill-Isle kien fiha hdax il-kaxxa, il-management ma pprezentax mill-ewwel il-filmati waqt il-Bord ta' Dixxiplina u l-filmat gie pprezentat aktar tard fil- laqgha izda, huwa jghid ukoll li ma rax li kien hemm nuqqas ta' kaxxa, u huwa ma ha l-ebda kaxxa.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikoerrenti jghid ukoll, li kif il-kaxxa spiccat mitt metru l-boghod ma jistax jghid, imma li kieku ha din il-kaxxa xi hadd**

**kien jidher fuq CCTV ghax fil-kuruduri tal-warehouse hemm monitors li josserveljaw il-kuruduri.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li l-kaxxa saba gol kurudur tal-Isle A u kien obbligat li jekk isib kartuna jew bicca plastic jarmija u hekk ghamel.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid fix-xhieda tieghu, li l-kartuna kienet mal-art u kienet daqsxejn miftuha u jekk wiehed jiccekkja r-ritratti jara li l-kartuna fiha sitt piedi b'erba.**

**Huwa jghid ukoll, li mar jarmi l-kaxxa f'dik l-iskip (jirreferi ghal l-iskip hdejn il-FBIC Warehouse) ghax dik hija skip kbira bhal tal-lukandi u li tirfsila l-hadida u tghola l-bieba u peress li kienet kartuna goffa kien ghalhekk mar jarmija hemm. Huwa jghid ukoll, li mar dik in-naha ghax vicin hemm toilet li kellu bzonn juzah.**

**Rigward ghal liema raguni r-rikorrenti dahal fl'Isle fejn instabet kaxxa b'parti mill Absolut Vodka 5cl huwa jghid, li dahal f'dik l-Isle biex jirranga zewg paletti CO2 ghax hu obbligat li jirrangahom ghax jekk ikunu 'l barra tkisser ir-roti tal-VNA.**

**Rigward din l-ispjegazzjoni tar-rikorrenti huwa gie mistoqasi mill-Avukat tas-socjeta ntimata Dr Calleja ghaliex din ix-xhieda qed jghida issa, ghax waqt il-process ta' dixxiplina din ix-xhieda ma qalix.**

**Minn naha tar-rikorrenti jghid, jista jkun li din ix-xhieda li dahal biex jirranga l-paletti CO2 ma qalix u dan forsi ghax meta il-management bghatu ghalih l-ewwel darba lanqas kien jaf ghal liema raguni u bdew jghajjtu go wiccu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-securities tas-socjeta ntimata ghamlu tfittxija fil-lockers inkluz tar-rikorrenti u ma nstabu l-ebda fliexken ta' l-Absolut Vodka fil-lockers tal-haddiema.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta ir-rikorrenti kien jispicca mix-xoghol u johrog mill-premises tal-kumpanija, is-securities tas-socjeta ntimata kienu jfittxjulhu u qatt ma sabu li hareg xi materjal jew xorb li kienu jippartejnu lill-kumpanija.**

**Fis-seduta tas-26 ta' April, 2022 it-Tribunal Industrijali ezamina l-filmat li jirrigwardja minn fejn naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl.**

**Matul l-ezami li ghamel it-Tribunal Industrijali giet ezaminata l-procedura u s-sistema tax-xoghol u minn dan gie stabilit li il-Warehouse Management System (WMS) hija nstallata fil-VNA.**

**WMS tghati struzzjonijiet lill operator tal-VNA fl'liema Isle ghandu jmur u liema paletta bix-xorb ghandu jgbor. Ghaldaqstant, l-operator isuq il-VNA, jidhol fl'Isle li ndikatlu l-WMS, jigbor il-paletta bil-kaxxex tax-xorb li tkun indikatlu l-WMS u ma hemmx ghalfejn jidhol bil-VNA aktar il-gewwa fl'Isle u kif jigbor il-paletta jirriversja lura l-VNA, johrog fil-kuridur u jpoggi l-paletta bil-kaxxex tax-xorb fil-kuridur ma genb id-dhul tal-Isle u l-paletta tibqa hemm sakemm jigi operator bl'lifter iehor u jgorr il-paletta li jkollu struzzjonijiet fejn jehoda.**

**It-Tribunal Industrijali f'dan l-ezami li ghamel jinnota, li l-Isle ghanda dhul wiehed biss mill-kuridur u li t-tarf l-iehor tal-Isle huwa mghaluq, ghaldaqstant il-hrug jista biss isir billi meta tidhol bil-VNA fl'Isle, biex tohrog trid tirriversja l-VNA u tohrog minn fejn dahlt bil-VNA mill-kuridur.**

**It-Tribunal Industrijali mill-filmati li ezamina jinnota, li r-rikorrenti saq il-VNA dahal go l-Isle, fejn fil-bidu tal-Isle fuq naha kien hemm l-paletti bil-kaxxex CISK 25cl u fl'istess isle faccata tal-paletti ta' CISK 25cl kien hemm il-palletta bil-kaxxex tal-Absolut Vodka 5cl.**

**Mill-filmat jidher ukoll, li r-rikorrenti minflok qabad il-paletta bil-kaxxex tac-CISK 25cl huwa qabad il-paletta bil-kaxxex tal-Absolut Vodoka 5cl li kellha 12 il-kaxxa u minflok irriversja ghal gol kuridur huwa saq il-gewwa fl'Isle fejn hemm m'hemmx CCTV cameras u dam gewwa l-Isle madwar minuta u nofs.**

**Wara dan il-hin huwa irriversja lura, pogga l-paletta tal-Absolut Vodka 5cl f'posta, dwwar il-frieket tal-VNA lejn il-paletta tal-kaxxex CISK 25cl, irriversja lura biex hareg fil-kuridur, pogga il-paletta tal-kaxxex CISK 25cl ma genb l-Isle sakemm jigi lifter iehor biex jigbor il-paletta u johodha fil-post li jkollu struzzjonijiet biex jehodha.**

**It-Tribunal Industrijali meta kompla jezamina l-filmati jirrizultalu li l-paletta tal-kaxxex CISK 25cl, il-modd kif kienet spustjata kienet qed tghatti l-paletta bil-kaxxex tal-Absolut Vodka 5cl u mill-filmat jirrizulta wkoll li ebda haddiem iehor ma resaq lejn l-Isle fejn kien hemm il-paletta tal-Absolut Vodka 5cl.**

**Mill-filmat jidher ukoll, li meta gie l-operator biex jigbor il-paletta tal-kaxxex CISK 25cl, meta saq inkixfet il-paletta tal-kaxxex tal-Absolut Vodka 5cl u mill-filmat jidher car li kien hemm kaxxa nieqsa tal-Absolut Vodka 5cl.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspetti li jikkunsidra huwa s-sensiela ta' movimenti li ghamel ir-rikorrenti.**

**Meta t-Tribunal Industrijali janalizza l-movimenti li ghamel ir-rikorrenti, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li r-rikorrenti naqas meta ma segwix l-istruzzjonijet li gew moghtija lilhu mill-Warehouse Management system u minflok qabad il-paletta tac-CISK 25cl huwa qabad il-paletta tal-Absolut Vodka 5cl.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li dan ma kienx moviment izolat li ghamel ir-rikorrenti u meta jelenkah ma moviment iehor li ghamel; dak li minflok hareg bil-paletta tal-Absolut Vodka 5cl fil-kurudur huwa dahal il-gewwa fl'Isle fejn m'hemmx CCTV cameras u baqa hemm ghal minuta u nofs, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li dawn huma movimenti li jnisslu suspetti.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti ghamel muviment iehor suspettuz meta mar f'Isle A u f'din l'Isle ma kellux struzzjonijiet biex imur u aktar tard f'din l-Isle instabu numru ta' fliexken tal-Vodka 5cl go kaxxa tal-Carlsberg. Dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li apparti dawn il-muvimenti li ghamel ir-**

**rikorrenti huma muvimenti susspettuzi, t-Tibnunal Industrijali jinnota wkoll li r-rikorrenti meta mar fl'Isle A kiser il-proceduri tal-kumpanija ghax f'dan il-post ma kellux struzzjonijiet biex imur.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll dak li xehed ir-rikorrenti li mar f'Isle A biex jirranga zewg paletti CO2 ghax jekk ikunu l-barra tkisser ir-rota tal-VNA.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta r-rkorrenti gie mistoqsi mill-Avukat Christine Calleja tas-socjeta appellata ghal liema raguni din l-ispjegazzjoni ma qalhix waqt il-process ta' dixxiplina huwa jghid li jista jkun din l-ispjegazzjoni ma kienx qalha.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina il-provi bir-reqqa ma jirrizultalux li din l-ispjegazzjoni giet moghtija mir-rikorrenti waqt il-process tal-Bord ta' Dixxiplina.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rikorrenti kellu ta' l-inqas zewg opportunitajiet li jghati din l-ispjegazzjoni u dan kien l-ewwel opportunita li kellu meta gie msejjah mill-management u bdiet l-investigazzjoni u t-tieni opportunita li kellu kienet waqt il-laqgha tal-Bord ta' Dixxiplina.**

**Invista ta' dak li qed jigi msemmi hawn fuq it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li kieku kif qed jghid ir-rikorrenti li dahal f'dik l'Isle li ma kellux struzzjonijiet biex jidhol sabiex jirranga zewg paletti CO2 huwa kellu zewg opportunitajiet li jghati din l-ispjegazzjoni u li kieku kien veru li dahal ghar-raguni li qed jghid hu, huwa kien jghid mill-ewwel biex jiddefendi l-kaz tieghu. Invista ta' dan, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema li l-ispjegazzjoni li ta' r-rikorrenti ma kienitx il-vera raguni li dahal f'dik fl'Ilse biex jirranga zewg paletti CO2.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li kif jirrizulta mill-provi jidher car, li meta naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl, din naqset meta r-rikorrenti kien fil-pussess ta' din il-kaxxa u naqset meta huwa dahal bil-paletta il-gewwa fl'Isle li ma kellux ghalfejn jidhol l-gewwa biha u baqa hemm minuta u nofs u meta hareg minn dik l'Isle naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li mill-filmati jidher car li l-ebda haddiem iehor ma resaq lejn dik il-lokalita fejn kien hemm il-paletta tal-Absolut Vodka.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li istatements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u prezentati, ra u ezamina l-filmati u**

**ritratti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li kif gie spjegat fil-kunsiderazzjonijiet ta' din id-Decizjoni, r-rikorrenti wettaq diversi nuqqasijiet waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu fosthom; li kiser ir-regolamenti u l-proceduri tal-Kumpanija ma dan, it-Tribunal Industrijali jasal ghal konkluzjoni wkoll li r-rikorrenti kien responsabbli meta naqset il-kaxxa tal-Absolut Vodka 5cl ghax din naqset meta kienet fil-pussess tieghu.**

**Ghaldaqstant, meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz huwa tal-fhema u jiddeciedi li kien jimmerita li jittiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tar-rikorrenti u t-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sttitwazzjoni tal-COVID 19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Daniela Manicolo**

**Għas-Segretarja**

**Data 6.12.2022**